**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 21 ta' Novembru, 2017

**Il- Pulizija**
**(Spettur Matthew Vella)**

**-vs-**

**Matthew Dimech, detentur tal-karta tal-identità numru 206384M**

***Kumpilazzjoni Nru. 753/14***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Matthew Dimech u ċioè talli:

1. F'April, 2014 u fix-xhur u snin ta' qabel, b'diversi atti magħmulin minnu fi żmienijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, minn ġewwa l-hanut tieghu 'Cafe Du Brasil' gewwa Victory Square, Birgu, ikkommetta serq ta' elettriku għad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur li jaqbeż €2,329.32;

2. Fl-istess perjodu, ikkorrompa uffiċjal jew impjegat pubbliku, liema uffiċjal jew impjegat pubbliku, in konnessjoni mal-kariga jew impieg tiegħu, talab, irċieva jew aċċetta għalih jew għal ħaddieħor xi rigal jew wegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli ieħor, jew ta xi vantaġġ ieħor, li għalihom huwa ma kellux jedd, u barra milli aċċetta l-ħlas, il-wegħda jew l-offerta, dan l-istess uffiċjal jew impjegat fil-fatt naqas li jagħmel dak li hu fid-dmir tiegħu li jagħmel;

3. Fl-istess perjodu kkorrompa u kien kompliċi ma' uffiċjal jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika, jew ikkorrompa u kien kompliċi ma' impjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, liema impjegat sew jekk ma kellux jedd li jesiġi flus jew ħwejjeġ oħra bħala salarju tad-dmirijiet tiegħu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, taħt il-libsa tal-kariga tiegħu, esiġa dak li l-liġi ma tippermettix, jew iżjed minn dak li tippermetti l-liġi, jew qabel iż-żmien li jmiss skont il-liġi;

4. Fl-istess perjodu kkorrompa u kien kompliċi ma' uffiċjali jew impjegat pubbliku, liema uffiċjal jew impjegat għal xi vantaġġ privat tiegħu jew għall-benefiċċju a' xi persuna jew entità oħra, għamel użu ħażin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti tal-kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew ħwejjeġ mobbli, illi kienu ġew fdati lilu minħabba l-kariga jew impjieg tiegħu.

Semghet ix-xhieda.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali tat-18 ta' Marzu, 2016,[1] permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

(i) Fl-artikoli 261(b)(c), 263, 264(1)(2), 267, 278(1)(2), 279(b), 280(2),283 u 283A tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
(ii) Fl-artikoli 17, 18, 31, 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat:

Illi wara li fit-30 t'Ottubru, 2014, kienet giet prezentata kwerela mill-Korporazzjoni Enemalta, is-socjeta` derubata,[2] nhar il-25 ta' Settembru, 2017, kien hemm rinunzja tal-istess kwerela mill-parte leza fejn din iddikjarat li ma baqghala ebda pendenza rigward dan il-kaz u ghalhekk

[1] Fol.139
[2] Fol.61. Vide ukoll xhieda ta' Alan Chetcuti a fol.56 et seq..

kienet qed tirrinunzja minghajr rizerva ghall-passi kriminali fil-konfront tal-imputat.[3]

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikolu 283A tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, maghdud ukoll il-fatt li fin-nota ta' rinviju tal-Avukat Generali gew indikati biss l-artikoli rigward dik l-ewwel imputazzjoni, galadarba ma kien hemm ebda prova li tissostanzja l-akkuzi l-ohra, tiddikjara il-procediment ezawrit.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

[3] Dok. MB. Vide xhieda ta' Michael Buttigieg a fol.160.